



Kumitat għas-Sajd

2022/2103(DEC)

24.1.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2021 (2022/2103(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pierre Karleskind

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2021, ir-rapport annwali tal-attività tal-Aġenzija għall-2020 kif ukoll l-analiżi u l-valutazzjoni ta' dak ir-rapport min-naħa tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija;
2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għad-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2021 huma konformi mar-Regolament Finanzjarju tal-Unjoni u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni;
3. Jinnota li l-Aġenzija rċeviet EUR 21,03 miljun f'kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2021, li jirrappreżenta żieda ta' 26 % meta mqabbel mal-2020; jirimarka li l-Aġenzija għandha wieħed mill-aktar baġits annwali u ammonti totali ta' persunal baxxi fost l-aġenziji tal-Unjoni;
4. Jirrikonoxxi li fis-sena finanzjarja 2021, minkejja l-isfidi ppreżentati mill-COVID-19, l-Aġenzija setgħet timplimenta 98,6 % tal-programm ta' ħidma annwali; jinnota li, minkejja l-pandemija, l-Aġenzija setgħet twettaq l-operazzjonijiet tagħha u timplimenta l-baġit tagħha kif ipplanat, b'implimentazzjoni baġitarja ġenerali ta' aktar minn 95 % f'termini ta' impenji u 74 % f'termini ta' pagamenti;
5. Ifakkar fil-kontribut vitali tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-oġġettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS), b'mod partikolari tal-kontroll tas-sajd; jisħaq li l-kontroll tal-attivitàjiet tas-sajd huwa primarjament responsabbiltà tal-Istati Membri, filwaqt li n-natura tal-kompiti tal-Aġenzija hija waħda ta' appoġġ; jisħaq li r-reviżjoni tar-regolamentazzjoni dwar il-kontroll tas-sajd se żżid ix-xogħol tal-Aġenzija f'termini ta' appoġġ; jenfasizza l-inkoerenza fit-tfittxija li jiġu indirizzati l-obbligi dejjem akbar mingħajr riżorsi suffiċjenti biex dan isir; jisħaq, għalhekk, li l-Aġenzija jeħtieġ ikollha biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għad-dispożizzjoni tagħha fis-snin li ġejjin;
6. Jinnota li, fl-2021, l-Aġenzija rrapportat 53 567 spezzjoni (fuq il-baħar u fuq l-art), li wasslu għall-identifikazzjoni ta' 4 928 każ ta' ksur suspettat, li jirrappreżentaw żieda ta' 39 % u 109 % rispettivament meta mqabbla maċ-ċifri tal-2020; jemmen li dawn iċ-ċifri juru li l-ispezzjonijiet u l-attivitàjiet ta' segwitu jibqgħu għodda kruċjali biex tiġi żgurata l-osservanza tar-regoli tal-PKS; jirimarka, madankollu, li din iż-żieda taħbi d-disparitajiet bejn iż-żoni, bi tnaqqis fil-Baħar tat-Tramuntana (-67 %) u fil-Baħar l-Iswed (-1 %) u żieda fl-Ilmijiet tal-Punent (+ 24 %), fil-Baħar Mediterran (+ 82 %) u fil-Baħar Baltiku (+ 14 %), u fin-NAFO-NEAFC (+ 163 %); jieħu nota tal-fatt li t-tnaqqis sinifikanti fil-Baħar tat-Tramuntana huwa prinċipalment xprunat min-nuqqas ta' spezzjonijiet li preċedentement twettqu mir-Renju Unit, li kkostitwixxew 70 % tal-ispezzjonijiet fl-2020; jistieden lill-Aġenzija tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-raġunijiet għal dawn il-bidliet; jirimarka li l-ispezzjonijiet u attivitàjiet oħra ta' segwitu għandhom rwol kruċjali mhux biss fil-ġestjoni tajba tal-istokkijiet tal-ħut iżda anke fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għas-sajjieda tal-Unjoni;

7. Jisħaq li l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat teħtieġ appoġġ finanzjarju adegwat; jilqa' t-tiħiħ tal-bastiment tal-ġħassa offshore mikri tal-Aġenzija biex iwettaq kontrolli u spezzjonijiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali u biex jappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali; jinnota li ż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil affettwat il-kapaċità operazzjonali tal-Aġenzija;
8. Jenfasizza, fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU, li l-aġenzija għandha rwol importanti biex tinkoraġġixxi applikazzjoni akbar u armonizzata tas-sistemi ta' kontroll tal-UE fis-seħħ biex jiġġieldu s-sajd illegali;
9. Jieħu nota tal-kooperazzjoni kontinwa tal-Aġenzija mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX) u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex jingħata appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/473; iqis tali kooperazzjoni bħala eżempju ta' sinerġija bejn l-aġenziji tal-Unjoni li għandha sservi bħala sors ta' ispirazzjoni għal aġenziji f'oqsma oħra; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha f'dan ir-rigward u jqis li jkun xieraq ukoll li tiżdied il-kooperazzjoni bejnha u bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;
10. Jilqa' s-sussidju addizzjonali ta' EUR 4 miljun mill-Kummissjoni fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni mar-Renju Unit permezz ta' baġit emendat allokat lill-Aġenzija bil-ħsieb li tittratta ż-żieda fl-ammont ta' xogħol ikkawżat mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni u kwalunkwe konsegwenza potenzjali tar-relazzjoni l-ġdida għall-qafas ta' kontroll tas-sajd;
11. Jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija f'li toffri lil pajjiżi terzi bini tal-kapaċità u taħriġ u r-rwol kruċjali tal-Aġenzija biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi mal-istati kostali kollha;
12. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2021, it-tabella tal-persunal kienet kompletament mimlija, hekk kif inħatru 65 aġent temporanju mill-65 aġent temporanju awtorizzati skont il-baġit tal-Unjoni;
13. Jieħu nota tal-politika tal-Aġenzija li tippromwovi t-trattament indaqs tal-persunal u l-oġettiv tagħha li tintlaħaq ugwaltanza bejn il-ġeneri, kemm f'termini ta' numri kif ukoll f'termini ta' gradi u livelli ta' responsabbiltà; jiddeplora l-fatt li n-nisa jirrappreżentaw biss 38 % tal-persunal impjegat fil-grad AD 8 jew oġħla, filwaqt li jirrikonoxxi li dan jirrappreżenta żieda meta mqabbel mal-2020; jinnota li jrid isir aktar sabiex tinkiseb parità fil-livell maniġerjali; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha fir-rigward tal-politika ta' parità bejn il-ġeneri bil-għan li jsir progress lejn parità fil-livell manijerjali wkoll;
14. Jistieden lill-Aġenzija tkompli taġġorna regolarment u taġħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni dwar il-laqgħat rilevanti tad-direttur eżekuttiv u tal-persunal ma' organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni sabiex jiġu żgurati trasparenza u fiduċja sħiħa fl-attività tal-Aġenzija;
15. Jipproponi li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2021.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	24.1.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Anja Hazekamp, Niclas Herbst, Jan Huitema, France Jamet, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, Ana Miranda, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Peter van Dalen, Theodoros Zagorakis
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Chabaud, Nicolás González Casares, Gabriel Mato, Elżbieta Rafalska, Simone Schmiedtbauer, Lucia Vuolo

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
PPE	Peter van Dalen, Niclas Herbst, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Simone Schmiedtbauer, Lucia Vuolo, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Catherine Chabaud, Asger Christensen, Jan Huitema
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Nicolás González Casares, Predrag Fred Matić
The Left	Anja Hazekamp
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Ana Miranda, Caroline Roose

1	-
ID	France Jamet

3	0
ECR	Elżbieta Rafalska, Bert-Jan Ruissen
ID	Rosanna Conte

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni